# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Ottubru 2017**

**Numru 7**

**Rikors Numru 474/16 SM**

**D.D.E. Attard Limited (C 4938)**

**v.**

**John Busuttil fil-kwalita` tieghu ta'**
**stralcjarju tas-socjeta` Malta Shipyards Limited (C 32345)**

Il-Qorti:

Rat li dan hu appell minn decizjoni li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-31 ta' Awwissu, 2016, li in forza taghha laqghet it-talba tal-konvenut fejn talab li jiggustifika l-kontumacja tieghu u konsegwentement laqghet ir-risposta guramentata tieghu, stante li ma kienx ritenut fi stat ta' kontumacja.

Wara li s-socjetà attrici ottjeniet il-permess mill-ewwel Qorti, hija appellat minn din id-decizjoni. Permezz tal-appell taghha u ghar-ragunjiet minnha premessi, hija qeghda titlob li din il-Qorti tilqa' l-appell taghha u thassar, tirrevoka u tikkancella d-digriet moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar il-31 ta' Awwissu 2016, u tirrinvija l-atti lill-ewwel Qorti sabiex tkompli bis-smiegh tal-kawza.

Il-konvenut wiegeb ghall-appell tas-socjetà attrici, billi talab li din il-Qorti tichad l-appell interpost minnha, filwaqt li tikkonferma d-digriet moghti mill-ewwel Qorti fil-31 ta' Awwissu, 2016, u tordna li r-risposta ntavolata minnu ghandha titqies bhala parti integrali minn process shih tar-rikors odjern u tirrinvija l-atti quddiem l-ewwel Qorti sabiex ir-rikors odjern jiehu l-*iter* normali tieghu sabiex jigi deciz.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell waqt is-seduta tas-27 ta' Gunju, 2017.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Ikkonsidrat:

Illi s-socjetà attrici tippretendi li r-risposta guramentata tal-konvenut tigi sfilzata ghal tliet ragunijiet principali li fuqhom issejjes l-appell taghha:

1. Illi l-procedura adoperata mill-konvenut li l-ewwelipprezenta risposta guramentata tardiva u mbaghad ghadda sabiex jitlob li din tigi ammessa bhala valida, hija rrita u konsegwentement it-talba kontenuta fir-rikors tal-konvenut tal-21 ta' Ottubru, 2016 ma kellhiex tintlaqa';
2. Illi l-ewwel Qorti ddecidiet it-talba tal-konvenut, minghajr ma semghet l-ebda prova;
3. Illi r-raguni li gab il-konvenut sabiex jiggustifika l-kontumacja tieghu mhix tajba sabiex jinghata l-beneficcju tal-purgazzjoni tal-kontumacja.

In kwantu l-ewwel zewg aggravji jittrattaw il-procedura kkontemplata fil-kaz ta' kontumacja tajjeb li l-ewwel jigi ezaminat id-dispost tal-Artikolu 158(10) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi:

> *"(10) Jekk il-konvenut jonqos li jipprezenta r-risposta guramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeciedi l-kawza bhallikieku l-konvenut baqa' kontumaci* ***kemm-il darba ma jippruvax ghas-sodisfazzjon tal-qorti raguni tajba li ghaliha naqas li jipprezenta r-risposta guramentata fiz-zmien li jmiss.*** *Il-qorti ghandha, madankollu, qabel ma taghti s-sentenza, taghti lill-konvenut zmien qasir li ma jistax jiggedded biex fih jaghmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruhu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet ghandhom jigu notifikati lill-attur li jkollu zmien qasir biex jirrispondi.*"

Issa huwa minnu, li f'dan il-kaz il-konvenut l-ewwel ipprezenta r-risposta guramentata tieghu fit-8 ta' Awwissu, 2016, u r-rikors fejn talab li jiggustifika l-kontumacja tieghu, l-ghada fid-9 ta' Awwissu, 2016, izda l-

artikolu tal-ligi appena citat ma jistipula ebda precedenza fil-prezentazzjoni tal-atti gudizzjarji in kwistjoni. Huwa ritenut li l-prudenza titlob li l-ewwel ghandha ssir t-talba ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja u sussegwentement tigi pprezentata r-risposta, f'kaz li l-Qorti tilqa' tali talba. Izda f'kazijiet bhal dan, fejn l-avukat tal-parti ntebah bil-kontumacja wara li pprezenta r-risposta, din il-Qorti ma tara xejn hazin fil-procedura adoperata minnu. Wara kollox, fin-nuqqas li l-konvenut jikkonvinci lill-Qorti dwar l-ezistenza tar-raguni tajba l-ghala pprezenta r-risposta tardivament, il-konsegwenza tkun li l-Qorti tordna l-isfilz tar-risposta in kwistjoni, rimedju effettiv li jxejjen kull tentattiv ta' abbuz tal-process gudizzjarju.

Hekk ukoll fil-kaz tat-tieni aggravju, ikun opportun, skont ic-cirkostanzi, li f'kazijiet simili, il-partijiet jinghataw smiegh mill-Qorti sabiex iressqu l-provi mehtiega, kif ukoll jitrattaw proprju l-istat ta' kontumacja, biex l-Qorti tkun tista' tinvesti l-kaz sabiex tistabilixxi sew jekk hemmx kawza gusta ghal tali nuqqas tal-konvenut li jipprezenta r-risposta tieghu fit-terminu impost mil-ligi. L-artikolu in ezami, pero`, jehtieg biss li l-parti tipprova "*<u>ghas-sodisfazzjon tal-qorti raguni tajba li ghaliha naqas li jipprezenta r-risposta guramentata fiz-zmien li jmiss</u>*". Issa fil-kaz in ezami, l-konvenut appellat iggustifika n-nuqqas tieghu billi pprezenta kopja tal-biljett tal-ajru sabiex juri li fiz-zmien li sehhet in-notifika, huwa

kien imsiefer, prova li jidher li ssodisfat lill-ewwel Qorti bhala raguni tajba ghall-prezentata tardiva tar-risposta in kwistjoni.

Isegwi li l-ewwel zewg ilmenti tas-socjetà attrici ma jimmeritawx li jintlaqghu u ghalhekk ikun utli li din il-Qorti tghaddi biex tezamina l-mertu tal-appell sa fejn jinghad li r-raguni sabiex tiggustifika l-kontumacja ma kenitx wahda tajba sabiex il-konvenut jinghata l-beneficcju tal-purgazzjoni tal-kontumacja.

F’dan il-kuntest huwa ritenut opportun li ssir referenza ghas-sentenza ta’ din il-Qorti tat-28 ta’ Jannar, 2005, fil-kawza fl-ismijiet **Noel Calleja et v. Middlesea Valletta Life Assurance Co. Limited**, fejn inghad:

> *“6. L-istitut tal-kontumacja li dwaru gie interpost l-appell in ezami minn dejjem kien suggett ta’ kontroversja. Dan hu hekk minhabba l-fatt li l-effetti tieghu – ta’ natura punittiva – huma odjuzi. L-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghemil li jisthoqqlu piena – dik li ma jkunx jista’ jindahal fit-tressiq ta’ provi billi dan jammonta ghal forma ta’ dizordni socjali (ara wkoll id-decizjoni in re: Vella pro et nomine v. Vella, Appell Kummercjali, 21 ta’ Mejju 1993, Koll. Vol. LXXVII – II – 170).*
>
> *“7. Ghal bidu, l-aspett punittiv konsistenti fl-eskluzjoni tal-konvenut milli jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet kien jigi adoperat ad unguem minn dawn il-Qrati izda, tenut kont ta’ cirkostanzi varji li kienu jindikaw u jesigu mitigazzjoni fir-regoli tal-procedura, l-istess Qrati bdew, fil-kazi fejn ikun hekk indikat u fl-ahjar sens ta’ gustizzja, “ixellfu” din ir-rigidita` u dan sewwa sew minhabba l-effett irriversibbli li l-kontumacja kienet iggib maghha. Fil-fatt jirrizulta – anke mid-diversi decizjonijiet citati miz-zewg partijiet fil-kawza – li l-Qrati taghna iddecidew li r-rigorozita` tal-procedura ghandha tigi mitigata fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm ebda nuqqas volut min-naha tal-persuna mharrka li jista’ jammonta ghal htija, m’ghandu jkun hemm l-ebda diffikulta` li l-kontumacja titqies bhala wahda gustifikata.*

> *"8. Mal-milja taz-zmien anke l-legislatur hass il-bzonn li jintroduci emendi ghal dan l-istatut – hekk ara l-Att XXIV tal-1995 b'referenza ghall-Artikolu 158 tal-Kap. 12. Iz-zmien ghall-prezentata ta' nota ta' eccezzjonijiet gie estiz ghal ghoxrin jum u fil-kaz ta' kontumacja nghatat anke l-possibilita` ta' prezentata ta' nota ta' osservazzjonijiet – in omagg tal-principju ribadit fil-gurisprudenza kostanti taghna li mqar jekk f'istat ta' kontumacja, il-parti mharrka kellha titqies bhala wahda li qeghda tirrimetti ruhha ghall-gustizzja tal-Qorti u b'ebda mod ma hi qed tammetti t-talba."*

F'dan il-kaz, il-konvenut qieghed jigi ntimat fil-proceduri odjerni fil-kwalità tieghu ta' stralcarju tas-socjetà Malta Shipyards Limited u mhux fil-vesti tieghu ta' Kap Ezekuttiv tas-socjetà MIMCOL. Jirrizulta nkontestat ukoll illi l-konvenut kien imsiefer bejn it-8 ta' Lulju, 2016 u t-18 ta' Lulju, 2016, u konsegwentement l-ewwel gurnata li seta' isir jaf bir-rikors in kwistjoni kien fid-19 ta' Lulju, 2016, fil-gurnata li dahal lura ghax-xoghol. Mentri mir-referta in atti jirrizulta li r-rikors thalla f'idejn "Jessica Falzon" fil-11 ta' Lulju, 2016, fl-indirizz moghti mill-attur tal-MIMCOL, Clock Tower, Tigne Point, Sliema. Il-konvenut ma vverifikax meta effettivament l-atti tal-Qorti waslu l-ufficcju tieghu, izda ha l-passi sabiex inkariga avukat sabiex tigi ntavolata r-risposta.

Is-socjetà attrici appellanti tishaq li meta l-konvenut dahal lura l-ufficcju kien ghad fadal zmien ta' tlettax-il gurnata sabiex jiskadi t-terminu tal-prezentata tar-risposta tieghu u konsegwentement kien ghad fadal zmien bizzejjed sabiex tigi pprezentata r-risposta guramentata tieghu. Tishaq ukoll li kien mistenni minn socjetà li tamministra investimenti governattivi bhalma hija l-MIMCOL, li din ikollha sistemi f'posthom li

bihom wiehed seta' jivverifika l-informazzjoni dwar il-gurnata li fiha wasal ir-rikors guramentat in kwistjoni. Dan apparti li setghu jsiru l-verifiki opportuni tramite r-registru tal-Qorti. Ghalhekk filwaqt li tirreferi ghall-artikolu 187(1) tal-Kap. 12 sabiex issostni l-validità tan-notifika taghha, tikkontendi li n-nuqqas tal-konvenut li jaghmel il-verifiki opportuni dwar in-notifika sabiex iressaq ir-risposta fiz-zmien opportun huwa rizultat tan-negligenza tal-konvenut li jekwipara ghal colpa.

Ghandu jinghad ukoll illi din il-Qorti taqbel mal-gurisprudenza l-aktar kostanti fuq il-materja tal-kontumacja illi l-gustifikazzjoni tal-kontumacja ghandha tkun l-eccezzjoni u mhux ir-regola in kwantu t-termini ghall-prezentata ta' atti gudizzjarji imposti statutorjament qeghdin hemm biex joholqu sistema procedurali stabbli u uniformi li huma elementi essenzjali f'kull process gudizzjarju. Fil-materja tal-kontumacja l-konvenut irid jafferma kawza gusta sabiex jissana l-kontumacja tieghu. Fil-fatt fis-sentenza appena citata gew elenkati numru ta' principji sabiex tinghata certu konsistenza fid-decizjonijiet tal-Qrati taghna fir-rigward, meta nghad**:**

> *"Decizjoni li fil-fehma ta' din il-Qorti serviet bhala punt ta' tluq ghal dak li jikkoncerna l-istitut tal-kontumacja u l-principji li ghandhom jirregolawha hija dik fl-ismijiet Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Mejju 1937 (Vol XXIX.i.1581) mill-Imhallef William Harding fejn fiha gew elenkati l-principji li gejjin;*
>
> *"(1) Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja;*
>
> *"(2) Lanqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza;*

*"(3) Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta;*

*"(4) Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f'impediment legittimu;*

*"(5) L-impediment, biex ikun legittimu, ghandu jkun indipendenti mill-volonta` tal-kontumaci;*

*"(6) L-izball m'hux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli, ghaliex jekk ikun vincibbli, allura jigi ekwiparat ghall-kolpa;*

*"(7) Dan l-impediment legittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili";*

*"(8) L-impossiblita' li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika, u eccezzjonalment biss tista' tkun morali."*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, ghandu jinghad mal-ewwel li din il-Qorti ma tistax taqbel f'kollox ma' dak li jinghad mis-socjetà appellanti. Huwa ritenut li hemm kwistjoni fir-risposta tal-konvenut appellat li timmerita l-attenzjoni ta' din il-Qorti. Din titratta l-fatt li notifika personali lill-konvenut appellat saret fuq il-post tax-xoghol tieghu. Issa l-ligi tipprovdi ghal zewg metodi ta' notifika: dik diretta lid-destinatarju; jew dik indiretta permezz tal-persuni indikati fl-istess provvediment tal-ligi. L-Artikolu 187(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jipprovdi hekk:

"187. (1) *In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja ta' l-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista' tinstab. In-notifika tista' wkoll ssir billi dik il-kopja tithalla fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha..."*

Kif rilevat fid-decizjoni tal-Qorti tal-Kummerc, tad-9 ta' Novembru 1927, fil-kawza fl-ismijiet **Alessandro Delhin v. Antonio Darmanin et**:

> *"da tale disposizione si desume essere duplice la forma legale della notificazione di atti giudiziari, quella per cui la consegna della copia della scrittura si fa direttamente alla persona da essere notificata, o quella per cui si fa indirettamente, col lasciare la stessa copia nella casa di abitazione o nella sede di affari della persona da notificarsi, nel quale ultimo caso pero` la consegna della copia della scrittura si deve fare o ad un membro della famiglia, o ad un addetto alla casa o al servizio della persona medesima;"*

Applikati r-rekwiziti specifici tal-artikolu in ezami ghall-kaz inkwistjoni, jirrizulta li r-rikors promotur thalla f'idejn Jessica Falzon. Ma jirrizultax li din il-persuna hija impjegata fis-servizz tal-konvenut, izda x'aktarx li din hija mpjegata tal-MIMCOL, u b'hekk fis-servizz tal-istess socjetà, liema socjetà mhix parti fil-kawza. Lanqas ma jirrizulta li l-istess Jessica Falzon kienet prokuratur tal-konvenut Busuttul jew awtorizzata minnu li tilqa' l-korrispondenza tieghu. Anzi jinghad ukoll li, minn ezami tal-atti, jirrizulta li meta l-konvenut gab avviz fil-gazzetti fil-kapacità tieghu ta' likwidatur ta' Malta Shipyards Limited, inghata indirizz specifiku: "Hillcrest", Triq Kan. Dun Pietru Farrugia, Gudja, u mhux dak fejn ittantat tinnotifikah is-socjetà attrici appellanti. Ladarba mill-atti ma jirrizultax li l-konvenut appellat gie notifikat direttament u lanqas indirettament skont il-provvediment tal-ligi, jsegwi li n-notifika in kwistjoni ma tissodisfax il-kriterji tal-artikolu tal-ligi dwar kif issir notifika regolari.

Issir referenza wkoll ghal kaz tassew simili fejn konvenut f'dik il-kawza wkoll kien qieghed jikkontesta n-notifika regolari tieghu proprju peress li filwaqt li kien imsiefer thalla l-att tac-citazzjoni f'idejn martu. Din il-Qorti, diversament preseduta, fis-sentenza taghha tas-6 ta' Ottubru, 2000, fil-kawza fl-ismijiet **Dr. Michael Gialanzè v. Sjakk Van Vleit,** irriteniet illi z-zmien ta' ghoxrin gurnata li l-ligi taghti lill-konvenut biex jirrispondi ghan-nota ta' eccezzjonijiet ghandu jkun wiehed reali u mhux virtwali, fis-sens illi l-konvenut kellu jkun materjalment notifikat – insenjament bazat fuq il-finalita` tad-disposizzjoni tal-ligi li tirrikjedi n-notifika tal-atti gudizzjarji, u kostruwit fuq il-principju tal-*audi alteram partem* inkorporat fid-dritt fundamentali tas-smiegh xieraq.

Konsegwentement, applikati l-istess kriterji hawn esposti ghall-kaz in ezami, lanqas it-tielet aggravju tas-socjetà attrici appellanti ma jimmerita l-akkoljiment tieghu, stante li fin-nuqqas ta' notifika valida ma jistax ikun hemm il-kontumacja.

Madankollu l-istess konvenut appellat jikkoncedi li r-rikors promotur wasal f'idejh fid-19 ta' Lulju, 2016, u ghalhekk jista' jitqies notifikat minn dik il-gurnata li d-dokumenti effettivament waslu f'idejh u li konsegwentement ir-risposta saret fi zmien utli.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, din il-Qorti tiddisponi mill-appell interpost mis-socjetà attrici appellanti billi tichad l-istess, u ghalkemm ghal ragunijiet differenti, tikkonferma d-decizjoni tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jithallsu mill-istess socjetà attrici appellanti.

Tordna li l-atti jigu rinvjati lill-ewwel Qorti sabiex tkompli tisma' l-kawza skont il-ligi.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri | Tonio Mallia | Joseph Azzopardi |
| Prim Imhallef | Imhallef | Imhallef |

Deputat Registratur
df